



EUROPEAN MEDICINES AGENCY
SCIENCE MEDICINES HEALTH

26 ta' April 2012
EMA/382541/2012
EMA/H/C/002448

Mistoqsijiet u tweġibiet

L-irtirar tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Pioglitazone Teva Generics (pijoglitażonu)

Fis-26 ta' Jannar 2012, TEVA Generics B.V. uffiċjalment għarrfet lill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) li tixtieq tirtira l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Pioglitazone Teva Generics, għat-trattament tad-dijabete tat-tip 2.

X'inhu Pioglitazone Teva Generics?

Pioglitazone Teva Generics huwa mediċina li fih is-sustanza attiva pijoglitażonu. Jiġi f'għamla ta' pilloli (15, 30 u 45 mg).

Pioglitazone Teva Generics ġie żviluppat bħala 'mediċina ġenerika'. Dan ifisser li Pioglitazone Teva Generics huwa simili għall-'mediċina ta' referenza' diġà awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) li jismha Actos. Għal aktar tagħrif dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibiet [hawnhekk](#).

Għalxiex kien mistenni li jintuża Pioglitazone Teva Generics?

Pioglitazone Teva Generics kellu jintuża fil-kura tad-dijabete tat-tip 2 f'adulti, b'mod partikolari f'dawk li għandhom piż eċċessiv. Kellu jintuża flimkien ma' dieta u eżerċizzju.

Pioglitazone Teva Generics kellu jintuża waħdu f'pazjenti li ma jkunux jistgħu jieħdu l-metformina (mediċina antidijabetika oħra).

Pioglitazone Teva Generics kellu jintuża wkoll flimkien mal-metformina f'pazjenti li ma jkunux jistgħu jiġu kkontrollati b'mod sodisfaċjenti meta tintuża l-metformina waħidha.

Pioglitazone Teva Generics kellu jintuża wkoll flimkien mal-insulina f'pazjenti li ma jkunux ikkontrollati b'mod sodisfaċjenti bl-insulina waħidha u li ma jkunux jistgħu jieħdu l-metformina.



Kif kien mistenni li jaħdem Pioglitazone Teva Generics?

Id-dijabete tat-tip 2 hija marda li fiha l-frixa ma tipproduċix biżżejjed insulina biex tikkontrolla l-livell ta' glukożju fid-demm jew meta l-ġisem ma jkunx jista' juża l-insulina b'mod effikaċi. Is-sustanza attiva f'Pioglitazone Teva Generics, il-pijoglitażonu, tagħmel iċ-ċelloli (tax-xaħam, tal-muskoli u tal-fwied) aktar sensittivi għall-insulina, li jfisser li l-ġisem jagħmel użu aħjar mill-insulina li jipproduċi. Dan jikkaġuna tnaqqis fil-livelli tal-glukożju fid-demm, u dan jgħin il-kontroll tad-dijabete tat-tip 2.

X'dokumentazzjoni ppreżentat il-kumpanija biex tappoġġa l-applikazzjoni tagħha?

Peress li Pioglitazone Teva Generics huwa mediċina ġenerika, l-istudji fuq il-pazjenti ġew limitati għal testijiet li jstabbilixxu l-bijoequivalenza tiegħu mal-mediċina ta' referenza, Actos. Żewġ mediċini jkunu bijoequivalenti meta jipproduċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem.

Sa fejn kienet waslet l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni meta din ġiet irtirata?

L-evalwazzjoni kienet waslet fi tmiemha u s-CHMP kien ta opinjoni pożittiva. Il-kumpanija rtiratha qabel ma l-Kummissjoni Ewropea ħarġet deċiżjoni dwar din l-opinjoni.

X'kienet ir-rakkomandazzjoni tas-CHMP dak iż-żmien?

Is-CHMP kkonkluda li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, intwera li Pioglitazone Teva Generics għandu kwalità komparabbli u li huwa bijoequivalenti għal Actos. Għaldaqstant, fiż-żmien tal-irtirar, is-CHMP kellu opinjoni pożittiva, u rrakkomanda li tingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Pioglitazone Teva Generics għall-kura tad-dijabete tat-tip 2.

X'kienu r-raġunijiet mogħtija mill-kumpanija għall-irtirar tal-applikazzjoni?

L-ittra tal-irtirar tinsab [hawnhekk](#).